MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' April, 2011

Avviz Numru. 296/2010

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Joseph Sammut**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-kundanna tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, disa' mija u ghaxar Euros u hamsa u hamsin centezmu ta' Euro, (€4,910.55), liema somma hija dovuta minnu in konnessjoni mas-servizz telefoniku cellulari kont numru 474661, 470114 u 460630 moghti mis-socjeta` attrici u dank if ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex l-inimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx, la fit-22 ta' Marzu tas-sena 2011 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Joseph Sammut sabiex ihallas is-somma ta' somma ta' erbat elef, disa' mija u ghaxar Euros u hamsa u hamsin centezmu ta' Euro, (€4,910.55), lis-socjeta` rikorrenti Mobisle Communications Limited;**

**Bl-ispejjez kif dedotti kontra l-intimat Joseph Sammut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------